

It-Tlieta 5 ta' Lulju 2011

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;
4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2011: eċċess tas-sena baġitarja 2010

P7_TA(2011)0308

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Lulju 2011 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2011 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, Taqsima III – Il-Kummissjoni (11630/2011 – C7-0166/2011 – 2011/2075(BUD))

(2013/C 33 E/32)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 310 u 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽¹⁾ ("ir-Regolament Finanzjarju"), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(3) u l-Artikoli 37 u 38 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, adottat b'mod definittiv fil-15 ta' Diċembru 2010 ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interstituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2011 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, ippreżentat mill-Kummissjoni fil-15 ta' April 2011 (COM(2011)0219),
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2011, li gietstabilita mill-Kunsill fis-16 ta' Ġunju 2011 (11630/2011 - C7-0166/2011),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 75b u 75e tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0254/2011),
- A. billi l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2011 għandu l-għan li jdaħħal fil-baġit tal-2011 il-bilanċ favorevoli mis-sena finanzjarja 2010, li jammonta għal EUR 4 539 394 283,
 - B. billi l-elementi prinċipali ta' dan il-bilanċ favorevoli huma eżitu pożittiv fuq in-naħa tal-introjtu ta' iktar minn EUR 1,8 biljun, sottoeżekuzzjoni ta' EUR 2,72 biljun fl-infiq u differenza pożittiva fir-rata tal-kambju li tammonta għal EUR 22,3 miljun,
 - C. billi l-parti l-kbira tan-naħa tal-introjtu (EUR 1,28 biljun minn EUR 1,8 biljun) ġejja minn imgħax fuq ħlasijiet li saru tard u multi,
 - D. billi d-differenza bejn il-baġit mogħti għall-2011 (EUR 122,96 biljun) u l-appropriazzjonijiet implimentati jew riportati (EUR 120,97 biljun) tirriżulta minn appropriazzjonijiet ikkanċellati (EUR 740 miljun), l-iktar minħabba n-nuqqas ta' adattament tal-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 10/2010,

⁽¹⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽²⁾ Testi adottati, P7_TA(2010)0475.

⁽³⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

It-Tlieta 5 ta' Lulju 2011

- E. billi l-ammont mhux minfuq ta' EUR 2,72 biljun ġeja mis-sottoeżekuzzjoni tal-programmi, mis-sottoeżekuzzjoni ta' riżervi mhux mobilizzati, mis-sottoeżekuzzjoni ftaqsimiet oħra tal-Baġit, u mis-sottoeżekuzzjoni tal-approprijazzjonijiet riportati mill-2009 u mill-2010,
1. Jieħu nota tal-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2011 iddedikat biss għall-ibbaġitjar tal-bilanċ favorevoli tal-2010, skont l-Artikolu 15 tar-Regolament Finanzjarju;
 2. Huwa konvint b'mod qawwi li l-parti tal-introjtu kkalkulata mill-imgħax fuq ħlasijiet li saru tard u multi m'għandhiex titqies bħala bilanċ favorevoli u għalhekk m'għandhiex titnaqqas mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri (riżorsi proprji abbażi tal-ING);
 3. Iqis, għall-kuntrarju, li dan l-introjtu, li ġej mill-infurzar tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE, għandu jitqiegħed lura direttament fil-baġit tal-UE u jerġa' jiġi investit fih; huwa determinat li jippromwovi u jiddefendi dan il-prinċipju fin-negożjati li jmiss dwar il-baġits annwali u multiannwali;
 4. Japprova madankollu l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2011 mingħajr emendi u jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiddikjara li l-baġit emendatorju Nru 3/2011 ġie definittivament adottat u jiżgura li jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali

L-infurzar tal-liġijiet dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi *I**

P7_TA(2011)0309

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Lulju 2011 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi (COM(2010)0791 – C7-0012/2011 – 2011/0001(COD))

(2013/C 33 E/33)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0791),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0012/2011),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali tal-5 ta' Mejju 2011 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-impenn tar-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-22 ta' Ġunju 2011, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

⁽¹⁾ Għadha mhux ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.